Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,627, 12 ta' Ġunju, 1998
Taqsima B

A.L. 147 ta' l-1998

ORDINANZA DWAR IL-MEDIĊINI PERIKOLUŻI (KAP. 101)

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 35)

Regolamenti ta' l-1998 dwar Drittijiet għal Ċertifikati rigward Mediċini

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluži, u bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru tas-Saħħa, Kura ta' l-Anzjani u Affarijiet tal-Familja, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 dwar Drittijiet għal Ċertifikati rigward Mediċini.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1998.

Ċbir ta' dritt għal ċertifikat.

2. Għandu jitħallas lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, dwar il-ħruġ jew it-tiġdid ta' ċertifikat muri taħt il-Kolonna 1 ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, id-dritt muri taħt il-Kolonna 2 ta' l-istess Skeda.

Liċenzi oħra, eċċ.

3. (1) Kull ċertifikat maħruġ skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jiskadi fil-wieħed u tletin ta' Diċembru tas-sena tal-ħruġ jew tat-tiġdid tiegħu.

(2) Ebda ċertifikat maħruġ skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolametni ma għandu jitqies li jeħles mill-ħtieġa ta' xi liċenza, permess jew awtorizzazzjoni oħra imposti b'xi dispożizzjoni oħra ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluži, jew ta' xi regolamenti jew ta' xi liġi oħra li jkunu f'dak iż-żmien fis-seħħ.

SKEDA

(Regolament 2)

Drittijiet għal Ċertifikati

Kolonna 1 *Tip*	*Kolonna 2* *Dritt*
Ċertifikat ta' Esportazzjoni	Lm15
Ċertifikat ta' Importazzjoni/Esportazzjoni ta' Narkotiċi	Lm2
Ċertifikat ta' Importazzjoni/Esportazzjoni ta' Psikotropiċi	Lm2
Ċertifikat ta' *Free Sales*	Lm10.